**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ħamis, disgħa (9) ta' Mejju 2024

Kawża Nru 3220/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Francesco Mizzi)**

Vs

**Omar Alhamdoalgorsh**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba kontra **Omar Alhamdoalgorsh** ta' sitta u għoxrin (26) sena, iben Kahli u Sharifa xebba Jumu, imwieled Aleppo Syria nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tal-elf disa' mija u tmienja u disgħn (1998) u residenti ġewwa Antonia, Flat 9, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar u detentur tal-permess tar-residenza Malti bin-numru 192833(A) fejn ġie

akkużat li nhar is-sebgħa (7) ta’ Mejju 2024, għall-ħabta tal-ħdax ta’ filgħaxija (23:00hrs) ġewwa l-Gżejjer Maltin:

(1) naqas milli josserva l-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Maġistrat Dr. Monica Vella LL. D. fid-digriet tagħha datat ħamsa u għoxrin (25) ta’ Jannar 2024 li bihom ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanziji varji, u dan bi ksur tal-Artikolu 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest tal-imsemmi Omar Alhamdoalgorsh u dan ai termini tal-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkuża dedotta kontra tiegħu. Fid-dawl ta’ din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa’ jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati tal-akkuża li ġiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-akkużat, għar-rigward piena l-Qorti sejra tmur fuq il-minimu tal-piena li hija obbligata li teroga fiċ-ċirkostanzi f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Il-Qorti sejra wkoll tieħu in kunsiderazzjoni tal-fatt li l-akkużat qiegħed jgħin lill-Pulizija f'investigazzjonijiet li l-istess Pulizija qiegħda tagħmel b'rabta ma' reati serji oħra.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikolu 579(1), 579(2) u 579(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u qiegħda tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' ħames mitt ewro (€ 500).

In oltre b'applikazzjoni tal-istess artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna li l-ammont komplessiv ta' elfejn ewro (€ 2,000) mis-somma globali ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€ 3,500) tiġi konfiskata u tgħaddi a favur il-Gvern ta' Malta.

Stante wkoll li l-ħati qiegħed jgħin lill-Pulizija f'investigazzjonijiet oħra li qed isiru b'rabta ma' każijiet oħra, il-Qorti mhux sejra tordna l-arrest mill-ġdid tal-ħati.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**